# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 22 ta' Ottubru 2001**

**Avviz. numru 1657/00**

**Numru 33**

**M. Demajo (Timbers) Ltd**

**vs**

**C.T.B. Limited**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tmein mija u tmenin lira u ghaxar centezmi (Lm880.10) prezz ta' injam lis-socjeta konvenuta mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta attrici.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mill-1 ta' Lulju 2000 kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat dak verbalizzat a fol 8 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta konvenuta naqset u ma dehritx fit-8 ta' Ottubru 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm880.10,0 bl-imghax legali mill-ewwel (1) ta' Dicembru 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

Alan Calleja
Deputat Registratur